MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1785/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited**

**vs**

**Martin Debono**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fl-10 ta' Settembru, 2003, fejn intalab l-ammont ta' seba' mija u erbgha u tletin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm734.79) jirrapprezenta l-hlasijiet effettwati mis-socjeta' attrici ai termini ta' l-Att Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta), in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home**

**Assurance Company vs Martin Debono (Avv. Nru 1118/02/AJD – deciza 17 ta' Gunju, 2002), li kienu jirrigwardaw l-incident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta' Lulju, 2001, gewwa Triq il-Kapuccini, Floriana bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut, bin-numru tar-registrazzjoni HAJ 517 u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ANG 135, u dan wara illi l-konvenut naqas milli jinforma lis-socjeta' attrici dwar l-incident de quo u l-istess proceduri gudizzjarji msemmija, bhal ma kien obbligat illi jaghmel ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva, liema nuqqas jintitola lis-socjeta' attrici illi tirkupra l-ammonti kollha minnha mhallsa ai termini tal-polza relattiva.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandati kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma' l-avviz tat-talba, u nteressi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003 iddikjara li qed jikkontesta t-talba, li din kienet head on collision u ghalhekk mhux hati ghall-incident.**

**Ra s-sentenza esebita mis-socjeta' attrici datata 17 ta' Gunju, 2002 fl-ismijiet Montaldo Insurance Agency Limited noe vs Martin Debono Avv.Nru 1118/02AJD.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta' attrici fit-23 ta' Jannar, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut.**

**Sema' x-xhieda ta' Anthony Savona ghas-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra illi l-konvenut baqa' ma deherx u li mill-provi jirrizulta l-ammont reklamat.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u erbgha u tletin lira Maltin u disgha u sebghin**

**centezmu (Lm734.79). Bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Settembru, 2003 sal-hlas effettiv.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza nkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma' l-avviz ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------